



Brussell, 8 ta' Frar 2016
(OR. en)

5822/16

UD 18
DELACT 13

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	15515/15 UD 263 DELACT 178 + ADD1
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 17.12.2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni fejn is-sistemi rilevanti għadhom ma sarux operazzjonali u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/... - Intenzijni li ma jkunx hemm oġġezzjoni għal att delegat

1. Il-Kummissjoni ppreżzentat l-att delegat¹ ta' hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-proċedura stabilita fl-Artikolu 290 TFUE u r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni², u b'mod partikolari l-Artikoli 279 u 284(2) tiegħi. Billi l-Kummissjoni nnotifikat l-att delegat fis-17 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill jiusta' joġġezzjona għalih sas-17 ta' Frar 2016.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Unjoni Doganali ġie kkonsultat u l-ebda delegazzjoni ma qieset li ser ikun hemm bażi biex il-Kunsill joġġezzjona għalih.

¹ 15515/15 UD 263 DELACT 178 + ADD 1

² ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1.

3. Għaldaqstant huwa ssuġġerit li l-Coreper jirrakkomanda li l-Kunsill jikkonferma li hu ma għandu l-ebda intenzjoni li joġġeżzjona għall-att delegat imsemmi hawn fuq u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġi informati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġeżzjonax għaliex, l-att delegat għandu jiġi ppublikat u jidħol fis-seħħħ f'konformità mal-Artikolu 284 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013.
-